MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2012

Numru 198/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jason Francis Sultana)**

**Vs**

**Matthew Camilleri**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta’ Matthew Camilleri ta’ hamsa u ghoxrin (25) sena, bin Joseph u Emanuela neè Montebello, imwieled Pietà fis-16 ta’ Novembru 1986 u residenti “Superior” Triq San Albert, Gzira, detentur tal-Karta ta’ l-Identità bin-Numru 529286 (M), talli:

1. Nhar it-13 ta’ Frar 2012 ghall-habta tat-tlieta u kwart ta’ wara nofsinhar (3:15p.m.) gewwa Kebab Ji Lebanese Cuisine and Grill li jinsab 132, Tower Road, Sliema, ikkommetta serq ta’ ammont li jeccedi l-valur ta’ mitjen

tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda anqas minn elfejn tlett mija disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), liema serq huwa aggravat bil-valur u bil-persuna ghad-detriment ta' Rabih Haidar detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 60575(A), u dan bi ksur ta' l-Artikoli 261(c) u (d) u 267 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u

2. Sar recediv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni u senjatament il-fedina penali ta' l-imputat markata bhala Dok. "JS1", l-estratt mic-Certifikat tat-Twelid ta' l-imputat markat bhala Dok. "JS2", ir-rapport tal-Pulizija dwar is-serq markat bhala Dok. "JS3", id-Dikjarazzjoni ta' Rinunzja ghad-Dritt tal-Parir Legali ta' l-Avukat markata bhala Dok. "JS4" u stqarrija rilaxxjata mill-imputat markata bhala Dok. "JS5";

Semghat lill-imputat jammetti ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u dana minkejja l-fatt li l-Qorti, a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzat bl-iktar mod solenni lill-imputat bil-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu w ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkunsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Semghat it-trattazzjoni da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza dwar il-piena;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kaz;

**Ikkunsidrat:**

Fid-dawl ta' l-ammissjoni ta' htija da parte ta' l-imputat ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu, il-Qorti ssib lill-imputat hati ta' l-istess akkuzi. Ghall-finijiet ta' piena, ghalkemm hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom l-imputat qed jinstab hati kif ukoll il-fedina penali tieghu, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni ukoll il-fatt li l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri u rritorna il-flus li seraq lill-vittma Rabih Haidar.

Ghaldaqstant, wara li rat l-Artikoli 31, 49, 50, 261(c) u (d), 267, 268(d), 279(a), 280(1) u 289 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ttenni li qed issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu, madanakollu ma tqisx li piena karcerarja hija l-piena idoneja ghall-imputat u peress illi jissussistu l-elementi elenkati fl-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, u in partikolari billi fil-fehma tal-Qorti s-sorveljanza ta' l-imputat minn Ufficjal tal-Probation hija mixtieqa fl-interess tar-riforma tieghu, biex tigi assikurata l-imgieba tajba tieghu u tigi prevenuta ripetizzjoni mill-imputat ta' l-istess reat jew reati ohra, tqieghed lill-imputat taht Ordni ta' Probation ghal perijodu ta' tlett (3) snin mid-data ta' din is-sentenza u dana taht dawk il-kondizzjonijiet imposti b'Digriet ta' Ordni ta' Probation moghti llum 21 ta' Frar 2012, liema Digriet jinsab anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

A tenur ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti spiegat lill-imputat bi kliem semplici l-effetti tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet ta' illum anness ma' din is-sentenza kif ukoll il-konsegwenzi li jkun hemm f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' l-imsemmija kondizzjonijiet jew jekk jaghmel reat iehor waqt il-perijodu ta' Probation, u cioè li f'kaz ta' htija jista' jinghata sentenza ghar-reat originali.

A tenur ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti tordna li kopja tad-Digriet ta' Ordni ta' Probation datat 21 ta' Frar 2012 u kopja ta' din is-sentenza jinghataw lill-imputat u jigu wkoll notifikati lid-Direttur tal-Probation Services sabiex mill-iktar fis possibbli l-imputat jibqa jigi segwit minn Ufficjal tal-Probation.

Il-Qorti tordna li ai termini ta' l-Artikolu 392A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-procedimenti u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------